

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 47

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni
21 ta' Frar 2008

Werrej

IV Atti oħrajn
SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW
Kumitat Konġunt taż-ŻEE

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 96/2007 tas-27 ta' Lulju 2007 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni foqhma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet** 1
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness I (Affarijiet Veterinarji u fitosanitarji), l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, eżaminazzjoni u ċertifikazzjoni) u Protokoll 47 (Tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' l-inbid) li hemm mal-Ftehim taż-ŻEE** 3
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 98/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** 6
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 99/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** 10
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE** 12
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 101/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** 14
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE** 16
- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 103/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE** 18

Prezz: 18 EUR
(Ikompli fil-paġna ta' wara)
MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perijodu limitat. It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	21
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 105/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	22
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 106/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	24
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 107/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	25
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE	28
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 109/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	29
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 110/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	30
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE	32
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 113/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE	33
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 114/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE	34
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li jemenda l-Anness XI (Servizzi tat-Telekomunikazzjoni) u Protokoll 37 għall-Ftehim taż-ŻEE	36
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	38
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	39
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	40
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 119/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	42
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	43
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 121/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	45
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE	47
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 123/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irgħiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE	49
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE	51
★	Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE	53



★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE	57
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 127/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE	58
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 128/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE	61
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE	63
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Anness XXI (L-Istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE	65
★ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet	67

Corrigenda

★ Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet	69
--	----

Avviż lill-qarrejja

★ Avviż lill-qarrejja	s3
-----------------------------	----



IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 96/2007

tas-27 ta' Lulju 2007

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-KEE Nru 89/2005 ta' l-10 ta' Ġunju 2005 ⁽¹⁾.
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim biex tkun inkluża d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili ⁽²⁾.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li din l-estensjoni tal-kooperazzjoni sseħħ mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 10(8) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

“(c) L-atti tal-Komunità li għandu jkollhom effett mill-1 ta' Jannar 2007:

- **32007 D 0162:** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/EC, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).”

⁽¹⁾ ĠU L 268, 13.10.2005, p. 25.

⁽²⁾ ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għandha tkun tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Lulju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) M'hemm l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 97/2007****tat-28 ta' Settembru 2007**

li temenda l-Anness I (Affarijiet Veterinarji u fitosanitarji), l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, eżaminazzjoni u ċertifikazzjoni) u Protokoll 47 (Tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' l-inbid) li hemm mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 75/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ⁽¹⁾.
- (2) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ⁽²⁾.
- (3) Il-Protokoll 47 tal-Ftehim kien emendat b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 161/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾.
- (4) Il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u l-Konfederazzjoni Żvizzera jiffirmaw unjoni doganali skond it-Trattat Doganali tad-29 ta' Marzu 1923.
- (5) L-Anness 11 dwar miżuri dwar is-saħħa ta' l-annimali u żutekniċi applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali, għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, ⁽⁴⁾ minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim dwar l-Agrikoltura" huwa applikabbli għal-Liechtenstein. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2003 ⁽⁵⁾ teżenta lil-Liechtenstein mill-applikazzjoni ta' Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim.
- (6) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 ⁽⁶⁾, kif emendat, ġie estiż għal-Liechtenstein bi Ftehim Addizzjonali tat-22 ta' Lulju 1972 ⁽⁷⁾. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 177/2004 ⁽⁸⁾ teżenta lil-Liechtenstein mill-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 3 u partijiet mill-Protokoll Nru 4 għall-Ftehim.
- (7) Il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Liechtenstein qablu li jestendu l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura għal-Liechtenstein bi Ftehim Addizzjonali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Addizzjonali", li għandu jidħol fis-seħħ fl-istess ħin ma' din id-Deċiżjoni.
- (8) Għal dan il-għan huwa xieraq, anke sabiex ikun hemm applikazzjoni konsistenti ta' sett uniku ta' regoli għall-katina kollha ta' l-ikel, li l-Liechtenstein jiġi eżentat mill-applikazzjoni tal-partijiet li jikkorrispondu tal-Ftehim, jiġifieri l-Anness I, il-Kapitolu XII u XXVII ta' l-Anness II, u l-Protokoll 47 sakemm il-Ftehim dwar l-Agrikoltura jibqa' applikabbli għal-Liechtenstein,

⁽¹⁾ ĠU L 328, 13.12.2007, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 328, 13.12.2007, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 89, 29.3.2007, p. 40.

⁽⁴⁾ ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

⁽⁵⁾ ĠU L 94, 10.4.2003, p. 43.

⁽⁶⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.

⁽⁷⁾ ĠU L 300, 31.12.1972, p. 281.

⁽⁸⁾ ĠU L 133, 26.5.2005, p. 33.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-istess jum li fih jidħol fis-seħħ il-Ftehim Addizzjonali, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 3

Il-Liechtenstein u l-Komunità Ewropea għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE bid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Addizzjonali li jestendi l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura għal-Liechtenstein.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSEN

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

ANNEX

L-Annessi I u II u l-Protokoll Nru 47 li hemm mal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif speċifikat hawn taħt:

1. It-test li ġej għandu jżied taħt l-intestatura Adattamenti Settorjali ta' l-Anness I:

“Madankollu, dan l-Anness m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.”;

2. L-ewwel paragrafu tal-parti ta' introduzzjoni tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.”;

3. It-test li ġej għandu jżied fil-parti ta' introduzzjoni tal-Kapitolu XXVII ta' l-Anness II:

“Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.”;

4. It-test li ġej għandu jżied fil-parti ta' introduzzjoni tal-Protokoll 47:

“Madankollu, dan il-Protokoll m'għandux japplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein.”

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 98/2007****tat-28 ta' Settembru 2007****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2007 tat-6 ta' Lulju 2006 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/858/KE tat-28 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue* ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/883/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 li temenda id-Deċiżjoni 2006/80/KE fir-rigward tas-Slovenja ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/968/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1923/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 999/2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/11/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/362/KE tat-2 ta' Mejju 2005 li tapprova l-pjan għall-qerda tad-deni Akrikan tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ f'Sardinja, l-Italja ⁽⁶⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/15/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tapprova l-pjanijiet ta' monitoraġġ għas-sejba ta' residwi jew sustanzi f'annimali ħajjin u fi prodotti ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE kif imressqa mill-Bulgarija u r-Rumanija ⁽⁷⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/28/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue* ⁽⁸⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/101/KE ta' l-14 ta' Frar 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2005/393/KE dwar żoni ristretti fir-rigward tal-*bluetongue* ⁽⁹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 13.12.2007, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 332, 30.11.2006, p. 26.

⁽³⁾ ĠU L 341, 7.12.2006, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 401, 30.12.2006, p. 41.

⁽⁵⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 7, 12.1.2007, p. 19.

⁽⁷⁾ ĠU L 7, 12.1.2007, p. 30.

⁽⁸⁾ ĠU L 8, 13.1.2007, p. 51.

⁽⁹⁾ ĠU L 43, 15.2.2006, p. 40.

- (10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/118/KE tas-16 ta' Frar 2007 li tistipula regoli dettaljati fir-rigward ta' marka ta' identifikazzjoni alternattiva skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/EC ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/119/KE tas-16 ta' Frar 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/415/KE, 2006/416/KE u 2006/563/KE fir-rigward tal-marka ta' identifikazzjoni li għandha tiġi applikata għall-aħam tat-tjur frisk ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/123/KE ta' l-20 ta' Frar 2007 li tagħti eżenzjoni lill-Italja skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE għat-trasport tal-ħnieżer għall-qatla fit-toroq pubbliċi u privati lejn biċċerija f'żona ta' protezzjoni ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/135/KE tat-23 ta' Frar 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2003/135/KE fir-rigward ta' l-emenda tal-pjanijiet għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fi ħnieżer slavaġ u t-tilqim ta' emerġenza ta' ħnieżer slavaġ kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti nħawi ta' l-Istat Federali tar-Rhineland-Palatinate ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (14) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għall-Iżlanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1923/2006 u d-Deċiżjonijiet 2006/858/KE, 2006/883/KE, 2006/968/KE, 2006/111/KE, 2007/15/KE, 2007/28/KE, 2007/101/KE, 2007/118/KE, 2007/119/KE, 2007/123/KE, u 2007/135/KE, fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, kemm-il darba jkunu saru n-notifiki kollha lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsimha ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment għaż-ŻEE li hemm miegħu.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESON

⁽¹⁾ ĠU L 51, 20.2.2007, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 51, 20.2.2007, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 52, 21.2.2007, p. 10.

⁽⁴⁾ ĠU L 57, 24.2.2007, p. 20.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.

ANNEX

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 131 [ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1505/2006] fil-Parti 1.2:

“132. **32006 D 0968**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/968/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 fir-rigward ta' linji gwida u proċeduri għall-identifikazzjoni elettronika ta' l-annimali ovini u kaprini (ĠU L 401, 30.12.2006, p. 41).”
2. Taħt l-intestatura “L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU” tal-Parti 1.2, għandu jżied wara l-punt 22 dan li ġej (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/80/KE):

“, kif emendata b'li ġej:

— **32006 D 0883**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/883/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 37).”
3. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE) fil-Parti 3.2:

“— **32006 D 0858**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/858/KE tat-28 ta' Novembru 2006 (ĠU L 332, 30.11.2006, p. 26),

— **32007 D 0028**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/28/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 8, 13.1.2007, p. 51),

— **32007 D 0101**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/101/KE ta' l-14 ta' Frar 2007 (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 40).”
4. Dan li ġej għandu jżied fil-punt 36 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/416/KE) fil-Parti 3.2:

“, kif emendata b'li ġej:

— **32007 D 0119**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/119/KE tas-16 ta' Frar 2007 (ĠU L 51, 20.2.2007, p. 22).”
5. Taħt l-intestatura “L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU” fil-Parti 3.2, għandu jżied l-inċiż li ġej fil-punt 20 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/135/KE):

“— **32007 D 0135**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/135/KE tat-23 ta' Frar 2007 (ĠU L 57, 24.2.2007, p. 20).”
6. Taħt l-intestatura “L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU” fil-Parti 3.2, għandu jżied dan li ġej fil-punt 32 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/362/KE):

“, kif emendata b'li ġej:

— **32007 D 0011**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/11/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 7, 12.1.2007, p. 19).”
7. Taħt l-intestatura “L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU” fil-Parti 3.2, għandu jiddaħħal il-punt li ġej wara l-punt 34 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/705/KE):

“35. **32007 D 0123**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/123/KE ta' l-20 ta' Frar 2007 li tagħti eżenzjoni lill-Italja skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE għat-trasport tal-ħnieżer għall-qatla fit-toroq pubbliċi u privati lejn biċċerija f'żona ta' protezzjoni (ĠU L 52, 21.2.2007, p. 10).”

8. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2 (*id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/93/KE*) fil-Parti 5.2:
- “3. **32007 D 0118**: *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/118/KE* tas-16 ta' Frar 2007 li tistipula regoli dettaljati fir-rigward ta' marka ta' identifikazzjoni alternattiva skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE (ĠU L 51, 20.2.2007, p. 19).”
9. L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal fil-punt 12 [ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill] fil-Parti 7.1:
- “— **32006 R 1923**: Ir-Regolament (KE) Nru 1923/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 1).”
10. Taħt l-intestatura “*L-ATTI LI L-ISTATI TA' L-EFTA U L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TA' L-EFTA GĦANDHOM DEBITAMENT IQISU*” fil-Parti 7.2, għandu jiddaħħal il-punt li ġej wara l-punt 40 (*id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/449/KE*):
- “40a. **32007 D 0015**: *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/15/KE* tat-22 ta' Diċembru 2006 li tapprova l-pjanijiet ta' monitoraġġ għas-sejba ta' residwi jew sustanzi f'annimali ħajjin u fi prodotti ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE kif imressqa mill-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 7, 12.1.2007, p. 30).”
-

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 99/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-reqwiziti tas-saħħa għall-annimali ta' l-akwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali ⁽²⁾ akwatiċi, (kif korretta mill-ĠU L 140, 1.6.2007, p. 59), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/911/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE, 90/539/KEE, 92/35/KEE, 92/119/KEE, 93/53/KEE, 95/70/KE, 2000/75/KE, 2001/89/KE, 2002/60/KE u d-Deċiżjoni 2001/618/KE fir-rigward tal-listi tal-laboratorji nazzjonali tar-referenzi u l-istituti Statali ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/104/KE tal-15 ta' Frar 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2002/300/KE fir-rigward taż-żoni esklużi mil-lista taż-żoni approvati rigward il-*Bonamia ostreae* ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2006/88/KE tħassar, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008, id-Direttivi tal-Kunsill 91/67/KEE ⁽⁵⁾, 93/53/KEE ⁽⁶⁾, 95/70/KE ⁽⁷⁾ li huma inkorporati fil-Ftehim u li għallhekk se jiġu mħassra taħt l-istess Ftehim b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008.
- (6) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan il-punt għandu jiġi mdaħħal wara punt 8 (Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE) f'Parti 3.1:

"8a. **32006 L 0088:** Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-reqwiziti tas-saħħa għall-annimali ta' l-akwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14), (kif korretta mill-ĠU L 140, 1.6.2007, p. 59).

Dan l-att japplika wkoll għall-Iżlanda."

⁽¹⁾ ĠU L 13.12.2007, p. 2007, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

⁽³⁾ ĠU L 346, 9.12.2006, p. 41.

⁽⁴⁾ ĠU L 46, 16.2.2007, p. 51.

⁽⁵⁾ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 175, 19.7.1993, p. 23.

⁽⁷⁾ ĠU L 332, 30.12.1995, p. 33.

2. Dan il-punt għandu jiġi mdaħħal wara punt 5 (Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE) f'Parti 4.1:
- “5a. **32006 L 0088**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-reqwiziti tas-saħħa għall-annimali ta' l-akwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14), (kif korretta mill-ĠU L 140, 1.6.2007, p. 59).
- Dan l-att japplika wkoll għall-Iżlanda.”
3. L-inċiż li ġej għandu jiżdied wara l-punt 65 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/300/KE) fil-Parti 4.2:
- “— **32007 D 0104**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/104/KE tal-15 ta' Frar (ĠU L 46, 16.2.2007, p. 51).”
4. Dan il-punt għandu jiġi mdaħħal wara punt 4 (Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE) f'Parti 8.1:
- “4a. **32006 L 0088**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-reqwiziti tas-saħħa għall-annimali ta' l-akwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14), (kif korretta mill-ĠU L 140, 1.6.2007, p. 59).
- Dan l-att japplika wkoll għall-Iżlanda.”
5. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud mal-punti 3 (Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE), 4 (Direttiva tal-Kunsill 92/35/KEE), 7 (Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE), 8 (Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE), 9 (Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE), 9a (Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE), 9b (Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE) fil-Parti 3.1, 1 (Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE) u 4 (Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE) fil-Parti 4.1 u 64 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/618/KE) fil-Parti 4.2:
- “— **32006 D 0911**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/911/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 41).”
6. It-test tal-punti 7 (Direttiva tal-Kunsill 93/53/KEE) u 8 (Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE) fil-Parti 3.1, il-punt 5 (Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE) fil-Parti 4.1 u l-punt 4 (Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE) fil-Parti 8.1 għandu jiġi jitħassar b'effett mill-1 ta' Awwissu 2008.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2006/88/KE, kif kienu korretti mill-ĠU L 140, 1.6.2007, p. 59, u d-Deċiżjonijiet 2006/911/KE u 2007/104/KE, bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsimha ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebdha reqwiziti kostituzzjonali ma huma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 100/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 74/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 184/2007 ta' l-20 ta' Frar 2007 rigward l-awtorizzazzjoni tal-potassju diformjat (Formi LHS) bħala addittiv fl-għalf ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2007 tal-21 ta' Frar 2007 rigward l-awtorizzazzjoni ta' użu għdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 226/2007 ta' l-1 ta' Marzu 2007 rigward l-awtorizzazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 (Levucell SC20 u Levucell SC10 ME) bħala addittiv fl-għalf ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 242/2007 tas-6 ta' Marzu 2007 rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-endo-1,4-beta xylanase EC 3.2.1.8 (Belfeed B1100MP u Belfeed B1100ML) bħala addittiv fl-għalf ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 243/2007 tas-6 ta' Marzu 2007 rigward l-awtorizzazzjoni ta' 3-fitażi (Natuphos) bħala addittiv fl-għalf ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2007 tas-7 ta' Marzu 2007 rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-L-istidina monokloridrat monoidrat bħala addittiv fl-għalf ⁽⁷⁾ għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 1zzzi (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2007) fil-Kapitolu II ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"1zzzj. **32007 R 0184**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 184/2007 ta' l-20 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni tal-potassju diformjat (Formi LHS) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 1).

⁽¹⁾ ĠU L 328, 13.12.2007, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 63, 1.3.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 63, 1.3.2007, p. 6.

⁽⁴⁾ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 26.

⁽⁵⁾ ĠU L 73, 13.2.2007, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 73, 13.3.2007, p. 4.

⁽⁷⁾ ĠU L 73, 13.3.2007, p. 6.

- 1zzzk. **32007 R 0186:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2007 tal-21 ta' Frar 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tas-*Saccharomyces cerevisiae* (Biosaf SC 47) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 6).
- 1zzzl. **32007 R 0226:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 226/2007 ta' l-1 ta' Marzu 2007 dwar l-awtorizzazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 (Levucell SC20 u Levucell SC10 ME) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 26).
- 1zzzm. **32007 R 0242:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 242/2007 tas-6 ta' Marzu 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-endo-1,4-beta xylanase EC 3.2.1.8 (Belfeed B1100MP u Belfeed B1100ML) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 73, 13.3.2007, p. 1).
- 1zzzn. **32007 R 0243:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 243/2007 tas-6 ta' Marzu 2007 dwar l-awtorizzazzjoni ta' 3-fitażi (Natuphos) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 73, 13.3.2007, p. 4).
- 1zzzo. **32007 R 0244:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2007 tas-7 ta' Marzu 2007 dwar l-awtorizzazzjoni l-L-istidina monokloridrat monoidrat bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 73, 13.3.2007, p. 6)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 184/2007, 186/2007, 226/2007, 242/2007, 243/2007 u 244/2007 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu nbaġhtu n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESON

(*) Ebdá rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 101/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 5/2007 tas-27 ta' April 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/119/KE tas-27 ta' Novembru 2006 li temenda, sabiex tadattaha għall-progress tekniku, id-Direttiva 2001/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistemi li jsaħħnu tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/120/KE tas-27 ta' Novembru ta' l-2006 li tikkoreġi u temenda d-Direttiva 2005/30/KE li temenda sabiex tadattahom għall-progress tekniku, id-Direttivi 97/24/KE u 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huma relatati ma' l-omologazzjoni ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti u li jaħdmu bil-mutur ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fid-19-il inċiż (id-Direttiva 2001/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE):

— **32006 L 0119:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/119/KE tas-27 ta' Novembru 2006 (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 12)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied fit-3 inċiż (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE) tal-punt 45x (id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat minn:

— **32006 L 0120:** id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/120/KE tas-27 ta' Novembru 2006 (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 16)."

3. Dan li ġej għandu jiżdied fit-3 inċiż (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE) tal-punt 45za (id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat b'li ġej:

— **32006 L 0120:** id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/120/KE tas-27 ta' Novembru 2006 (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 16)."

⁽¹⁾ ĠU L 209, 9.8.2007, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 330, 28.11.2006, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 330, 28.11.2006, p. 16.

4. Dan li ġej għandu jżdied fil-punt 45zg (Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE):

“, kif emendat minn:

— **32006 L 0120**: id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/120/KE tas-27 ta' Novembru 2006 (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 16).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2006/119/KE u 2006/120/KE fil-lingwa İzlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru ta' l-2007, sakemm ikunu ntbagħtu n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebdá rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 102/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness IV (l-enerġija) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 ⁽¹⁾.
- (2) L-Anness IV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ⁽²⁾.
- (3) Id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/57/KE u 2000/55/KE ⁽³⁾ hija inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied mal-Punt 5 (id-Direttiva 96/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV:

“, kif emendat b'li ġej:

— **32005 L 0032:** id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).”

2. Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 5 (id-Direttiva 96/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu IV:

“6. **32005 L 0032:** id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 96/57/KE u 2000/55/KE (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna jibagħtu osservaturi għal-laqgħa tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 19. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat, iżda ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw.”

⁽¹⁾ ĠU L 198, 28.7.2005, p. 45.

⁽²⁾ ĠU L 266, 11.10.2007, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

3. L-inċiż li ġej għandu jiġi mdaħħal fil-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE) tal-Kapitolu V:

“— **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).”

Artikolu 2

L-Anness IV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 15 (id-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“, kif emendat b'li ġej:

— **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).”

2. Dan il-punt li ġej għandu jkun miżjud wara l-punt 25 (id-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“26. **32005 L 0032**: id-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-ħolqien ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Istati EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna jibagħtu osservaturi għal-laqgħa tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 19. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat, iżda ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw.”

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva 2005/32/KE fil-lingwa İzlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu ntbagħtu n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESON

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 103/2007****tat-28 ta' Settembru 2007****Li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 79/2007 tas-6 ta' Lulju 2006 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/583/KE tas-17 ta' Awwissu 2006 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tossini Fusarium fiċ-ċereali u l-prodotti taċ-ċereali ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/142/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li temenda l-Anness IIIa tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li telenka l-ingredjenti li għandhom taħt kull ċirkostanza jidhru fuq it-tikketti tal-prodotti ta' l-ikel ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar il-prattika tajba tal-manifattura ta' materjali u artikoli maħsuba li jiġu f'kuntatt ma' l-ikel ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/7/KE ta' l-14 ta' Frar 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' fdalijiet ta' l-atrazine, il-lambda-cyhalothrin, il-phenmedipham, il-methomyl, il-linuron, il-penconazole, il-pymetrozine, il-bifenthrin u l-abamectin ⁽⁵⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/12/KE tas-26 ta' Frar 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' fdalijiet tal-penconazole, il-benomyl u l-carbendazim ⁽⁶⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/8/KE ta' l-20 ta' Frar 2007 li temenda Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' fdalijiet tal-phosphamidon u l-mevinphos ⁽⁷⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (8) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/9/KE ta' l-20 ta' Frar 2007 li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu ta' l-aldicarb ⁽⁸⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (9) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/11/KE tal-21 ta' Frar 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' fdalijiet ta' l-acetamiprid, it-thiacloprid, l-imazosulfuron, il-methoxyfenozide, l-S-metholachlor, il-milbemectin u t-tribenuron ⁽⁹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

⁽¹⁾ ĠU L 328, 13.12.2007, p. 18.

⁽²⁾ ĠU L 234, 29.8.2006, p. 35.

⁽³⁾ ĠU L 368, 23.12.2006, p. 110.

⁽⁴⁾ ĠU L 384, 29.12.2006, p. 75.

⁽⁵⁾ ĠU L 43, 15.2.2007, p. 19.

⁽⁶⁾ ĠU L 59, 27.2.2007, p. 75.

⁽⁷⁾ ĠU L 63, 1.3.2007, p. 9.

⁽⁸⁾ ĠU L 63, 1.3.2007, p. 17.

⁽⁹⁾ ĠU L 63, 1.3.2007, p. 26.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 13 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE):
“— **32007 L 0008**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/8/KE tal-21 ta' Frar 2007 (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 9).”
2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 18 (Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“— **32006 L 0142**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/142/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 110).”
3. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 38 (Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE):
“— **32007 L 0007**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/7/KE ta' l-14 ta' Frar 2007 (ĠU L 43, 15.2.2007, p. 19),
